MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1828/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited**
**ghan-nom u in rapprezententanza tas-socjeta`**
**estera Norwich Union International Insurance Limited**

**vs**

**Christine Marie Spasojevic**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' tlett mija tlieta u sebghin lia Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm373.38) dovuta bhala rifuzjoni ta' hlasijiet li s-socjeta attrici kienet kostretta taghmel lill-terzi wara li l-konvenuta naqset li tinfurmaha (kif kienet obbligata taghmel skond il-polza ta' assikurazzjoni) dwar incident awtomobilistiku li l-konvenuta kienet involut fih, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet notifikat fis-6 ta’ Jannar 2006 naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas s-somma ta’ tlett mija tlieta u sebghin lia Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm373.38) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------